## Ir-Relikwa

Ir-relikwa ta' San Ġiljan hi bla dubju waħda mill-oġġetti tant prezzjużi u għal qalb il-Ġiljaniżi. Din ir-relikwa tikkonsisti fi ftit għadam mir-relikwi awtentiċi ta' driegħ San Ġiljan li jinsabu fil-Katidral ta' Maċerata fl-Italja u li hu ddedikat lill-qaddis. Din kienet inġiebet mill-Isqof Francesco Tarcisio Carboni, l-Isqof ta' Maċerata, fis-sena 1991 meta Dun Tony Agius kien stiednu sabiex imexxi l-purċissjoni tal-festa fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena tal-parroċċa. Dokument li jinsab fl-arkivju tal-parroċċa li jġib id-data tat-18 ta' Ġunju 1991 huwa xhieda ta' dan.

Illum din ir-relikwa nistgħu nivvenerawha fl-ostensorju sabiħ li kien sar fl-1911 li s-sena l-oħra wkoll ġie indurat mill-ġdid bid-deheb u l-fidda. Dan ir-relikwarju huwa donazzjoni tal-armla Marianna Sillato kif tixhed il-kitba li hemm fil-bażi tal-ostensorju. Huwa għandu erba' faċċati, u f'dik ta' quddiem hemm ħġieġa li minnha tidher it-teka li fiha l-fdalijiet ta' San Ġiljan. Fuq in-naħa ta' wara hemm is-simbolu taċ-ċerva li hu marbut mal-konverżjoni ta' San Ġiljan. Fuq il-ġnub nistgħu naraw l-arma tal-Madonna u ta' San Ġużepp. Dan l-ostensorju llum nistgħu narawh fil-jiem tal-festa meta s-Sibt issir it-translazzjoni tar-relikwa mill-Knisja ta' Lapsi u l-Ħadd tal-festa meta jinħareġ fil-purċissjoni sabiex il-fdalijiet tal-qaddis patrun tagħna jduru mar-raħal tagħna waqt il-purċissjoni u bil-preżenza qaddisa tiegħu jqaddes it-toroq u d-djar tagħna.





## Ir-Raġġiera

Il-Raġġiera tal-istatwa ta' San Ġiljan ġiet ibbanjata mill-ġdid fid-deheb, xogħol ġentilment offrut b'donazzjoni minn LSC Metal Finishing ta' Ħal Qormi. Il-fosos li kellha qabel ġew mibdul a ma' kristalli Swarovski ġentilment mogħtija f'donazzjoni mingħand Zampa tal-Belt. Ħajr lil LSC Metal Finishings u Zampa kif ukoll lis-Sur Charles Grech li tant ħadem sabiex San Ġiljan ikollu raġġiera aktar dinjituża u sabiħa.

